Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 1106/2013**

tal-5 ta' Novembru 2013

li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja

(ĠU L 298, 8.11.2013, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/49 tal-14 ta' Jannar 2015	L 9	17	15.1.2015
►M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1019 tad-29 ta' Ġunju 2015	L 163	18	30.6.2015

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 1106/2013

tal-5 ta' Novembru 2013

li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA

1. Miżuri provviżorji

(1) Fit-3 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni Ewropea ('il-Kummissjoni') imponiet, permezz tar-Regolament (UE) Nru 418/2013 ([2]) ("ir-Regolament provviżorju"), dazju tal-anti-dumping provviżorju fuq importazzjonijiet ġewwa l-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja ("il-pajjiż ikkonċernat").

(2) L-investigazzjoni bdiet wara lment ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2012 mill-Konfederazzjoni Ewropea tal-Industriji tal-Ħadid u tal-Azzar (Eurofer) ("l-ilmentatur") f'isem il-produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli.

(3) Fl-investigazzjoni parallela kontra s-sussidji, il-Kummissjoni imponiet dazju kumpensatoru provviżorju fuq importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill- pajjiż ikkonċernat' permezz tar-Regolament (UE) Nru 419/2013 ([3]) u dazju kumpensatorju definittiv permezz tar-Regolament (UE) Nru 861/2013 ([4]).

2. Partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni

(4) Fl-istadju provviżorju tal-investigazzjoni, ġie applikat it-teħid ta' kampjuni għall-produtturi esportaturi Indjani u l-produtturi tal-Unjoni. Fl-istadju provviżorju, it-teħid ta' kampjuni kien maħsub ukoll fir-rigward ta' importaturi mhux relatati. Madankollu, billi żewġ importaturi mit-tlieta magħżula għall-kampjun ma ppreżentawx tweġibiet għall-kwestjonarju, it-teħid ta' kampjun tal-importaturi ma setax jiġi applikat. Għalhekk, l-informazzjoni kollha disponibbli li tikkonċerna l-importaturi kollha li kkooperaw intużat biex jintlaħqu konklużjonijiet definittivi; b'mod partikolari sa fejn l-interess tal-Unjoni huwa kkonċernat.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
([2]) ĠU L 126, 8.5.2013, p. 1.
([3]) ĠU L 126, 8.5.2013, p. 19.
([4]) ĠU L 240, 7.9.2013, p. 1

▼B

(5) Produttur esportatur wieħed allega li billi l-ebda bejgħ minn dawk li ma lmentawx ma ntuża għad-determinazzjoni tal-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Unjoni, il-kampjun magħżul ta' produtturi tal-Unjoni ma setax jiġi kkunsidrat bħala rappreżentattiv. Dik il-pretensjoni inċaħdet għaliex il-kampjun intgħażel fuq il-bażi tat-tweġibiet riċevuti mingħand il-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw kollha irrispettivament minn jekk appoġġawx l-ilment fl-istadju tad-determinazzjoni tas-sitwazzjoni, u dan sar fuq il-bażi tal-volumi ta' produzzjoni.

(6) Produttur esportatur wieħed, relatat ma' produttur tal-Unjoni, oppona l-ilment, u talab eżami individwali, minħabba li ma kienx inkluż fil-kampjun ta' produtturi esportaturi, abbażi tal-lvolumi baxxi tiegħu tal-esportazzjoni. Il-produttur tal-Unjoni innifsu ukoll ma kienx inkluż fil-kampjun tal-industrija tal-Unjoni b'riżultat tal-volumi ta' produzzjoni baxxi tiegħu. L-eżami individwali ngħata mill-Kummissjoni, iżda l-produttur esportatur irtira t-talba tiegħu.

(7) Seba' produtturi esportaturi Indjani li ħallew barra mill-kampjun talbu għal eżami individwali. Tnejn minnhom wieġbu l-kwestjonarju u ħamsa ma għamlux dan. Miż-żewġ produtturi li wieġbu għall-kwestjonarju wieħed irtira t-talba tiegħu għal eżami individwali. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni eżaminat it-talba ta' produttur esportatur Indjan wieħed li ħalla barra mill-kampjun, jiġifieri:

— KEI Industries Limited, New Delhi (KEI).

(8) Fl-istadju provviżorju l-ebda wieħed mill-prodotturi esportaturi inizjalment inklużi fil-kampjun ma nstab li kien ippreżenta informazzjoni affidabbli biżżejjed. Għalhekk ġie applikat l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni ddeċidiet li testendi l-kampjun bi tliet kumpaniji, ibbażat fuq il-volumi tal-esportazzjoni tagħhom u r-rieda tagħhom li jikkooperaw kif espress wara l-bidu tal-proċediment. Bħala riżultat, il-Kummissjoni eżaminat it-tweġibiet għall-kwestjonarju u wettqet żjarat ta' verifika fil-post ta' dawn il-produtturi esportaturi Indjani li ġejjin:

— Garg Inox, Bahadurgarh, Haryana

— Macro Bars and Wires, Mumbai, Maharashtra

— Nevatia Steel & Alloys, Mumbai, Maharashtra

(9) Minbarra dan ta' hawn fuq, il-premessi minn (4) sa (7) u (14) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

3. **Il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu kkunsidrat**

(10) Kif stipulat fil-premessa (20) tar-Regolament provviżorju, l-investigazzjoni ta' dumping u ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2011 sal-31 ta' Marzu 2012 ("il-perjodu ta' investigazzjoni" jew il-"PI"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Marzu 2012 (il-"perjodu kkunsidrat").

▼B

4. **Proċedura sussegwenti**

(11) Wara li saru magħrufa l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet meħtieġa li abbażi tagħhom ġie deċiż li jiġu imposti miżuri kumpensatorji provviżorji (“divulgazzjoni provviżorja”), diversi partijiet interessati, jiġifieri t-tliet produtturi esportaturi fil-kampjun, l-uniku esportatur-produttur li rtira t-talba tiegħu għal eżami individwali, l-ilmentatur, u 11-il utent ressqu l-kummenti tagħhom. Instemgħu l-partijiet kollha li wrew din ix-xewqa. Il-Kummissjoni kompliet tfittex l-informazzjoni li dehrilha li kienet meħtieġa għas-sejbiet definittivi. Il-kummenti kollha li waslu tqiesu u ttieħdu inkonsiderazzjoni, fejn xieraq.

(12) Il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kellha l-ħsieb li tirrakkomanda l-impożizzjoni ta’ dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta’ ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat u l-ġbir definittiv tal-ammonti żgurati permezz tad-dazju provviżorju (“divulgazzjoni finali”). Il-partijiet kollha ngħataw ukoll perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni finali. Il-kummenti kollha li waslu tqiesu u ttieħdu inkonsiderazzjoni, fejn xieraq.

(13) Wara l-kummenti li waslulha dwar l-iżvelar finali, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati b’tibdil fis-sejbiet rigward il-livell ta’ dumping ta’ ċerti produtturi esportaturi. Il-partijiet kollha reġgħu ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni addizzjonali. Il-kummenti kollha li waslu tqiesu u ttieħdu inkonsiderazzjoni, fejn xieraq. Parti interessata waħda, il-kwerelant, ikkritikat il-fatt li s-sejbiet li jikkonċernaw il-livell ta’ dumping ta’ ċerti produtturi esportaturi kienu mibdula abbażi ta’ dejta ġdida u l-kummenti li waslu wara l-iżvelar provviżorju u fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni. Hija allegat ukoll li d-drittijiet proċedurali tagħha ġew miksura.

(14) Madankollu, il-Kummissjoni kkunsidrat li kellha tqis is-sottomissjonijiet li waslu mingħand il-partijiet interessati u, jekk meħtieġ, tibdel is-sejbiet meta l-kummenti jkunu ġġustifikati. F’ebda wieħed minn dawn il-każijiet ma ntużat dejta ġdida mhux ivverifikata għad-determinazzjoni tad-dumping. Barra minn hekk, id-drittijiet proċedurali tal-partijiet interessati kollha kienu rispettati peress li kienu infurmati fil-ħin u kif suppost u mogħtija l-istess skadenzi biex iressqu l-kummenti.

B. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTTI SIMILI**

(15) Kif stabbilit fil-premessa (21) tar-Regolament provviżorju, il-prodott ikkonċernat huwa ddefinit bħala wajers tal-azzar inossidabbli li fihom, bil-piż:

— 2,5 % jew iktar tal-piż tagħhom f’nikil, minbarra wajers li fihom 28 % jew iktar iżda mhux iktar minn 31 % tal-piż tagħhom f’nikil u 20 % jew iktar imma mhux iktar minn 22 % tal-piż tagħhom fi kromju,

▼B

— inqas minn 2,5 % tal-piż tagħhom f'nikil, ħlief wajer li fih 13 % jew iktar imma mhux iktar minn 25 % tal-piż tiegħu fi kromju u 3,5 % jew iktar imma mhux iktar minn 6 % tal-piż tiegħu f'aluminju,

li bħalissa jaqgħu fil-kodiċi NM 7223 00 19 u 7223 00 99 u li joriġinaw fil-pajjiż ikkonċernat.

(16) Xi utenti esprimew tħassib dwar in-nuqqas apparenti ta' distinzjoni bejn id-diversi tipi tal-prodott ikkonċernat u prodotti simili, għaliex jeżisti taħlit estensiv ta' prodotti fost it-tipi kollha ta' prodotti. Kien hemm tħassib partikulari dwar kif jista' jiġi żgurat tqabbil ġust fost it-tipi kollha fl-investigazzjoni. Kif inhu l-każ fil-biċċa l-kbira tal-investigazzjonijiet, id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat tkopri varjetà wiesgħa ta' tipi ta' prodotti li għandhom karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi bażiċi identiċi jew simili. Il-fatt li dawn il-karatteristiċi jistgħu jvarjaw minn tip ta' prodott għal tip ta' prodott ieħor jista' tabilħaqq iwassal biex tiġi koperta medda wiesgħa ta' tipi. Dan huwa l-każ fl-investigazzjoni attwali. Il-Kummissjoni qieset id-differenzi fost it-tipi ta' prodotti u żgurat tqabbil ġust. Ġie allokat numru tal-kontroll tal-prodotti (product control number - PCN) uniku għal kull tip ta' prodott li jiġi prodott u mibjugħ mill-produtturi esportaturi Indjani u għal kull tip prodott u mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni. In-numru kien jiddependi fuq il-karatteristiċi ewlenin tal-prodott, f'dan il-każ, il-grad tal-azzar, is-saħħa tensili, il-kisi, il-wiċċ, id-dijametru, u l-forma. Għaldaqstant, it-tipi ta' wajers esportati lejn l-Unjoni ġew imqabbla abbażi tal-PCN mal-prodotti li ġew prodotti u mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni li għandhom l-istess karatteristiċi jew karatteristiċi simili. Dawn it-tipi kollha waqgħu fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat u l-prodott simili fl-avviż tal-inizjazzjoni ([1]) u fir-Regolament provviżorju.

(17) Parti waħda tenniet il-pretensjoni tagħha li l-hekk imsejħa tipi ta' prodotti "tekniċi ħafna" huma differenti u mhumiex interkambjabbli ma' tipi oħra tal-prodott ikkonċernat. Għaldaqstant, dawn għandhom jiġu eskluż mid-definizzjoni tal-prodott. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ([2]), meta jiġi determinat jekk il-prodotti humiex simili biex jiffurmaw parti mill-istess prodott, jeħtieġ li jiġi vvalutat jekk għandhomx l-istess karatteristiċi tekniċi u fiżiċi, u għandhomx l-istess użi finali bażiċi u l-istess relazzjoni bejn il-prezz u l-kwalità. F'dak ir-rigward, l-interkambjabbiltà ta', u l-kompetizzjoni bejn, dawk il-prodotti għandhom jiġu vvalutati wkoll. L-investigazzjoni sabet li t-tipi ta' prodotti "tekniċi ħafna" msemmija mill-parti għandhom il-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi, u tekniċi bażiċi bħall-prodotti l-oħra li huma soġġetti għall-investigazzjoni. Huma magħmula mill-azzar inossidabbli u huma wajers, u l-proċess ta' produzzjoni huwa simili, bl-użu ta' magni simili, b'tali mod li l-produtturi jistgħu jaqilbu bejn varjanti differenti tal-prodott, skont id-domanda. Għaldaqstant, għalkemm tipi differenti ta'

([1]) ĠU C 240, 10.8.2012, p. 6.
([2]) Ara l-Ka'C-595/11, Steinel Vertrieb GmbH v Hauptzollamt Bielefeld [Sentenza tal-Qorti (It-Tieni Kamra) tat-18 ta' April 2013] Għadu mhux ippubblikat.

▼B

wajers mhumiex direttament interkambjabbli u ma jikkompetux direttament, il-produtturi qed jikkompetu għal kuntratti li jkopru firxa wiesgħa ta' wajers tal-azzar inossidabbli. Barra minn hekk, dawn it-tipi ta' prodotti huma prodotti u mibjugħa kemm mill-industrija tal-Unjoni kif ukoll mill-produtturi esportaturi Indjani bl-użu ta' metodu simili ta' produzzjoni. Għaldaqstant, l-argument ma jistax jintlaqa'.

(18) B'reazzjoni għad-divulgazzjoni definittiva, parti waħda stqarret li l-analiżi mwettqa mill-Kummissjoni biex ikun stabbilit jekk l-hekk imsejħa tipi ta' prodotti tekniċi ħafna għandhomx jiġu inklużi fl-investigazzjoni ma kinitx biżżejjed. Dan l-argument ma ntlaqax. L-investigazzjoni stabbiliet li t-tipi ta' prodotti tekniċi ħafna jaqgħu fid-definizzjoni tal-prodott kif stabbilit fil-premessa (17). Il-parti tassumi ħażin li l-kriterji kollha msemmija fil-ġurisprudenza jridu jiġu ssodisfati fl-istess ħin. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ([1]), il-Kummissjoni tgawdi minn diskrezzjoni wiesgħa meta tiddefinixxi l-ambitu tal-prodott, u trid tibbaża din il-valutazzjoni fuq is-sett ta' kriterji żviluppati mill-Qorti. Ta' spiss, bħal fil-każ preżenti, xi kriterji jistgħu jippuntaw f'direzzjoni u oħrajn f'direzzjoni oħra; f'sitwazzjoni bħal din, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni globali, kif għamlet fil-każ preżenti. Għaldaqstant, din il-parti interessata tassumi ħażin li t-tipi ta' prodotti jrid ikollhom l-istess karatteristiċi kollha sabiex jaqgħu fl-istess definizzjoni ta' prodott.

(19) Xi utenti stqarrew li l-hekk imsejħa wajers tal-azzar inossidabbli "serje 200" għandhom jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott. B'mod partikulari, huma allegaw li dan it-tip bilkemm jiġi prodott mill-industrija tal-Unjoni. Madankollu, din id-dikjarazzjoni hija bla bażi. L-ewwel nett, il-fatt li ċertu tip ta' prodott mhuwiex prodott mill-industrija tal-Unjoni mhuwiex raġuni biżżejjed biex jiġi eskluż mill-ambitu tal-investigazzjoni, fejn il-proċess tal-produzzjoni jkun tali li l-produtturi tal-Unjoni jkunu jistgħu jibdew jipproduċu t-tip ta' prodott inkwistjoni. It-tieni, bħal fil-każ tal-wajers tekniċi ħafna, instab li dawn it-tipi tal-prodott ikkonċernat kellhom karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi identiċi jew simili għal tipi oħra tal-prodott simili prodott u mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-argument ma jistax jintlaqa'.

(20) Alternattivament, huma sostnew li l-vireg tal-wajers għandhom jiġu inklużi fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. Madankollu, il-vireg tal-wajers huma l-materja prima użata għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat iżda jistgħu jintużaw ukoll għall-produzzjoni ta' prodotti differenti bħal qfieli u msiemer. Għaldaqstant, għall-kuntrarju tal-prodott ikkonċernat, dawn ma jikkostitwixxux prodott tal-azzar lest. Permezz tal-proċess ta' produzzjoni bil-kiesaħ, il-vireg tal-wajers, fost prodotti oħra, jistgħu jiġu ttrasformati fil-prodott ikkonċernat jew fil-prodott simili. Abbażi ta' dan,

([1]) Ara l-Każ T- 170/94, 1997 Ġabra II-1383, paragrafu 64.

▼B

il-vireg tal-wajers ma jistgħux jiġu inklużi fl-ambitu tal-prodott fit-tifsira tar-Regolament bażiku.

(21) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat u l-prodott simili fil-premessi minn (21) sa (24) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

C. DUMPING

1. Introduzzjoni

(22) Matul iż-żjarat ta' verifika fil-postijiet tat-tliet produtturi Indjani fil-kampjun oriġinali li jesportaw u l-analiżi sussegwenti tal-informazzjoni miġbura, instab li dawn il-kumpaniji kienu ssottomettew xi informazzjoni li ma setgħetx tiġi meqjusa bħala affidabbli. Il-Kummissjoni kompliet l-investigazzjoni tagħha, u analizzat l-informazzjoni kollha mressqa b'reazzjoni għad-divulgazzjoni provviżorja u f'seduti sussegwenti.

(23) Kif indikat fil-premessa (26) tar-Regolament provviżorju, fil-każ ta' produttur esportatur wieħed, il-Kummissjoni kienet sabet li l-ispejjeż irrapportati fit-tweġiba għall-kwestjonarju ma setgħux jiġu rrikonċiljati mas-sistema interna tar-rappurtar tal-ispejjeż tal-kumpanija. Il-kumpanija kienet argumentat li n-nuqqas ta' rikonċiljazzjoni kien ikkawżat minn żbalji ta' reġistrazzjoni u metodu ta' valutazzjoni ta' stokkijiet li kien ivarja bejn is-sistema ta' rappurtar tal-ispejjeż interna u d-dejta ppubblikata fil-kontijiet annwali.

(24) Kif spjegat fil-premessa (28) tar-Regolament provviżorju, għalkemm id-dejta fis-sistema ta' rappurtar tal-ispejjeż intern kienet konsistenti mar-rapporti finanzjarji awditjati fuq il-livell tal-kumpanija, ma kienx possibbli li tiġi rrikonċiljata d-dejta ġġenerata mis-sistema interna ta' rappurtar tal-ispejjeż għad-diviżjoni tal-wajers mat-tabelli tal-ispejjeż speċifikament ippreparati mill-kumpanija bi tweġiba għall-kwestjonarju tal-investigazzjoni. Għalhekk, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ġie kkunsidrat li l-informazzjoni misjuba fis-sistema interna tar-rappurtar tal-ispejjeż għandha tintuża għall-għan ta' din l-investigazzjoni dwar l-antidumping.

(25) Għal dik ir-raġuni, il-Kummissjoni provviżorjament aġġustat id-dejta dwar l-ispejjeż ipprovduta mill-produttur esportatur fit-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju billi użat fatti disponibbli fis-sistema interna ta' rrappurtar tal-ispejjeż.

(26) Kif innutat fil-premessa (27) tar-Regolament provviżorju, il-produttur esportatur argumenta li d-dejta fis-sistema interna ta' rrappurtar tal-ispejjeż ma kinitx affidabbli u ma għandhiex tintuża għall-iskopijiet tal-investigazzjoni. Il-kumpanija rreferiet għal bosta żbalji u problemi kunċettwali fir-rigward taċ-ċifri rrappurtati

▼B

internament li fuqhom il-Kummissjoni kienet ibbażat l-aġġustament tagħha tal-ispejjeż. Il-kumpanija sostniet li l-Kummissjoni kellha tibbaża l-analiżi tagħha fuq l-ispejjeż irrapportati fit-tweġiba tal-kwestjonarju. Barra minn hekk, fi stadju aktar tard wara l-miżuri provviżorji, il-kumpanija pprovdiet rikonċiljazzjoni bejn iċ-ċifri tal-ispejjeż tad-diviżjoni rrappurtati internament u t-tweġiba għall-kwestjonarju. Fuq dik il-bażi, u wara li kkunsidraw l-evidenza miġbura matul iż-żjara fuq il-post, ċerti spejjeż tal-manifattura rrappurtati oriġinalment minn dik il-kumpanija fir-risposta tagħha għall-kwestjonarju setgħu mbagħad jiġu aċċettati.

(27) Madankollu, fuq il-bażi tal-evidenza disponibbli, l-allokazzjoni ta' ċerti spejjeż bħal spejjeż ġenerali u spejjeż ta' finanzjament irrappurtati mill-kumpanija fit-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju ma setgħux jitqiesu bħala affidabbli għall-iskop tal-investigazzjoni. Il-Kummissjoni kkunsidrat li dawn l-ispejjeż għandhom jiġu allokati fuq il-bażi tal-fatturat totali tal-kumpanija u l-kost tal-oġġetti mibjugħa skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-biċċa l-kbira tal-ispejjeż irrapportati fit-tweġiba tal-kwestjonarju jistgħu jiġu aċċettati u l-allokazzjoni tal-fatturat ġiet maqbula mill-kumpanija fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni. Il-livell ta' marġni ta' dumping naqas wara rieżami tal-ispejjeż tal-imballaġġ u ċerti spejjeż ġenerali. Huwa għalhekk ikkunsidrat li l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku ma għandux jibqa' japplika biex tiġi stabbilita l-marġni ta' dumping ta' dan il-produttur esportatur.

(28) Kif stabbilit fil-premessa (30) tar-Regolament provviżorju, fil-każ tat-tieni produttur esportatur, il-Kummissjoni sabet li x-xiri u l-konsum tal-materja prima rrappurtati fit-tweġiba tal-kumpanija għall-kwestjonarju ma kinux sostnuti mid-dejta li tinsab fis-sistema ta' ġestjoni tal-inventarju tal-produttur. B'mod partikolari, jidher li d-distribuzzjoni tal-gradi tal-azzar kienet differenti f'kull wieħed mis-sorsi. Il-Kummissjoni stabbiliet li l-grad tal-azzar huwa fattur ewlieni fid-determinazzjoni tal-ispiża tal-prodott finali u li informazzjoni mhux ta' min wieħed joqgħod fuqha dwar il-grad tal-azzar tista' toħloq distorjsoni serja tad-determinazzjoni tal-ispejjeż u l-prezzijiet tal-bejgħ ta' tipi ta' prodott individwali u għalhekk tista' tiżgwida, u għamlet lill-produttur esportatur konxju minn din il-kunsiderazzjoni essenzjali f'diversi okkażjonijiet.

(29) Kif stabbilit fil-premessa (31) tar-Regolament provviżorju, il-produttur esportatur iddikjara, madankollu, li l-fajls tal-kompjuter li fihom ix-xiri ta' materja prima miġbura mill-Kummissjoni matul iż-żjara ta' verifika ma kinux kompluti, minħabba li akkwisti addizzjonali tal-materja prima kienu saru minn unitajiet oħra fil-kumpanija, iżda ma kinux ġew irappurtati u ma kinux inklużi fil-fajls tal-kompjuter miġbura matul iż-żjara ta' verifika u eżaminati mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-produttur esportatur sostna li d-diskrepanzi osservati fil-kwantitajiet ta' gradi tal-azzar kienu minħabba l-fatt li kien hemm xi trikkib parzjali bejn xi gradi tal-azzar u li xi partijiet tal-proċess ta' produzzjoni ma kinux traċċabbli fuq il-livell ta' gradi individwali tal-azzar.

▼B

(30) Fil-premessa (32) tar-Regolament provviżorju l-Kummissjoni madankollu nnutat li d-dikjarazzjonijiet ta' hawn fuq li saru mill-kumpanija fir-rigward ta' xiri addizzjonali ta' materja prima ma kinux ġew issostanzjati u fi kwalunkwe każ ma kinux biżżejjed biex jispjegaw id-diskrepanzi osservati fil-livell ta' gradi individwali tal-azzar. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-kumpanija kienet allegat li ma kienx possibbli li jsir rintraċċar eżatt skont il-gradi tal-azzar individwali fl-istadji kollha tal-proċess ta' produzzjoni. Din l-ammissjoni kompliet iddgħajjef l-affidabilità tas-sistema ta' rappurtar tal-gradi tal-azzar kollha kemm hi. L-informazzjoni mogħtija dwar gradi tal-azzar kienet għalhekk provviżorjament ikkunsidrata bħala mhux korretta.

(31) Fil-premessa (33) tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni qieset li d-distribuzzjoni rrappurtata ta' materja prima skont il-grad tal-azzar ma kienitx affidabbli u għandha tkun provviżorjament imwarrba u li d-determinazzjonijiet għandhom isiru abbażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Minħabba n-nuqqas ta' affidabilità tas-sistema ta' rappurtar kollha kemm hi, ma kienx possibbli li jsiru d-determinazzjonijiet abbażi ta' kwalunkwe wieħed mill-gradi tal-azzar irrappurtati. Għalhekk. fil-kalkolu ta' marġni ta' dumping provviżorja globali għall-prodotti kollha, intuża l-konsum totali tal-materja prima kollha meħuda kollha flimkien, mingħajr ma jiġi kkunsidrat it-tqassim skont il-grad tal-azzar..

(32) Wara l-pubblikazzjoni tas-sejbiet provviżorji, il-kumpanija kkontestat dan l-approċċ provviżorju f'termini ġenerali iżda baqgħet mhux kapaċi toffri tqabbil ras imb' ras f'livell tal-PCN. Madankollu, tard fl-investigazzjoni, il-kumpanija offriet aktar raggruppament ta' xi whud mill-gradi tal-azzar deħlin u ħerġin, bi grad suffiċjenti ta' rikonċiljazzjoni meta l-materja prima tiġi miġbura fis-serje ewlenija ta' gradi ta' azzar inossidabbli skont il-kompożizzjoni kimika tagħhom (is-serje 200-, 300- u 400- fil-klassifikazzjoni AISI). Il-kumpanija offriet ukoll mod alternattiv ta' ragruppament li fih l-użu finali ġie inkluż bħala fattur ta' ragruppament addizzjonali. Madankollu, billi l-użu finali ma jistax jiġi vverifikat, il-Kummissjoni reġgħet ikkalkulat il-marġni tad-dumping fuq il-bażi tal-gradi tal-azzar miġbura skont il-kompożizzjoni kimika kif espress fis-serje tal-gradi tal-azzar (is-serje 200-, 300- u 400- fil-klassifikazzjoni AISI). Is-serje ta' gradi tal-azzar huma kriterju ġeneralment użat, oġġettiv u verifikabbli filwaqt li għal din il-kumpanija l-użu tal-PCN ma jippermettix rikonċiljazzjoni sħiħa u għalhekk ma jiżgurax tqabbil ġust fuq il-bażi ta' dejta affidabbli fit-tifsira tar-Regolament bażiku.

(33) Peress li l-informazzjoni addizzjonali sottomessa mill-kumpanija madankollu ma kinetx tippermetti r-rikonċiljazzjoni tad-dejta fuq il-livell dettaljat biżżejjed meħtieġ għall-investigazzjoni, il-konklużjoni provviżorja li s-sistemi ta' rintraċċar tal-kumpanija ma kinux affidabbli biżżejjed tinżamm u l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku huwa applikat għad-determinazzjoni definittiva tal-ispiża tal-produzzjoni u l-kalkolu tal-marġni tad-dumping, li huwa għalhekk ibbażat fuq l-approċċ imsemmi fil-premessa preċedenti.

▼B

(34) Kif indikat fil-premessa (34) tar-Regolament provviżorju, fil-każ tat-tielet produttur esportatur, il-Kummissjoni sabet, matul iż-żjara ta' verifika, li l-flussi ta' materja prima rrappurtati fit-tweġiba għall-kwestjonarju ma kinux konsistenti mad-dejta li tinsab fis-sistema ta' kontabilità tal-produttur. Jidher li d-distribuzzjoni għal kull grad ta' azzar kienet differenti f'kull wieħed miż-żewġ sorsi.

(35) Kif indikat fil-premessa (35) tar-Regolament provviżorju, il-produttur esportatur, filwaqt li ammetta xi żbalji fit-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju, allega li d-differenzi fil-kwantitajiet globali tal-materja prima setgħu jiġu rrikonċiljati billi jitqiesu l-bidliet fl-inventarji. Madankollu, il-kumpanija allegat ukoll li t-trikkib parzjali bejn il-gradi tal-azzar kien jagħmilha impossibbli li wieħed jagħmel rikonċiljazzjoni eżatta għal kull grad tal-azzar individwali. Fil-kummenti tagħha wara s-sejbiet provviżorji, hija ddikjarat ukoll li kultant il-grad tal-azzar indikat fuq il-fattura tal-bejgħ ma kkorrispondiex mal-grad tal-azzar li fil-fatt ikun qiegħed jiġi esportat. Barra minn hekk, il-kumpanija argumentat li gradi tal-azzar ma ntużawx b'mod preċiż fl-industrija tal-azzar inossidabbli, iżda minflok kien hemm varjazzjonijiet bejn il-kompożizzjonijiet kimiċi ppubblikati ta' kategoriji tal-azzar u l-prodotti attwali. Il-kumpanija argumentat li meta wieħed jieħu inkonsiderazzjoni dawn l-ispjegazzjonijiet, id-diskrepanzi identifikati mill-Kummissjoni jkunu jikkonċernaw biss proporzjon insinifikanti tal-esportazzjonijiet tagħha.

(36) Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-volum tad-diskrepanzi misjuba ma setax jiġi spjegat minn nuqqasijiet okkażjonali ta' preċiżjoni. Għall-kuntrarju, l-argumenti ppreżentati kkontribwew biex idgħajfu l-affidabbiltà tas-sistemi ta' rappurtar tal-kumpanija dwar il-gradi tal-azzar inġenerali, speċjalment fid-dawl tan-natura deċiżiva tal-gradi tal-azzar fid-determinazzjoni tal-kost tal-prodott finali.

(37) Madankollu, aktar tard fl-investigazzjoni, il-kumpanija ddikjarat li jekk il-Kummissjoni ma aċċettatx ir-rappurtar inizjali tal-kumpanija dwar il-gradi tal-azzar, riżultat aktar preċiż seta' jinkiseb jekk, minflok jiġu ragruppati flimkien il-PCNs kollha kif sar fl-istadju provviżorju, il-Kummissjoni tiġbor flimkien biss dawk il-gradi speċifiċi tal-azzar li bejniethom ġew identifikati diskrepanzi, jew alternattivament tiġbor flimkien il-gradi tal-azzar skont il-kompożizzjoni kimika tagħhom espressa fis-serje ta' gradi tal-azzar (is-serje 200-, 300- u 400- fil-klassifikazzjoni AISI). Il-kumpanija offriet ukoll metodu ieħor sabiex jiġu ragruppati l-gradi tal-azzar fis-serje 300- f'sottogruppi iżgħar.

(38) Il-Kummissjoni konsegwentement irrikalkulat il-marġni tad-dumping fuq il-bażi tal-gruppi tal-azzar inossidabbli bbażati fuq il-kompożizzjoni kimika kif espressa fis-serje ta' gradi tal-azzar (is-serje 200-, 300- u 400- fil-klassifikazzjoni AISI) sabiex jiġi segwit l-istess metodu kif deskritt fil-premessa (30) aktar 'il fuq. Is-serje ta' gradi tal-azzar huma kriterju ġeneralment użat, oġġettiv u verifikabbli filwaqt li għal din il-kumpanija l-użu tal-PCN ma ppermettiex rikonċiljazzjoni sħiħa u għalhekk ma jiżgurax tqabbil ġust fuq il-bażi ta' dejta affidabbli fit-tifsira tar-Regolament bażiku.

▼B

(39) Peress li l-informazzjoni addizzjonali sottomessa mill-kumpanija ma kinetx tippermetti r-rikonċiljazzjoni tad-dejta b'mod dettaljat biżżejjed meħtieġ għall-investigazzjoni, il-konklużjoni provviżorja li s-sistemi ta' rintraċċar tal-kumpanija ma kinux affidabbli biżżejjed tinżamm u l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku huwa applikat għad-determinazzjoni definittiva tal-ispiża tal-produzzjoni u l-kalkolu tal-marġni tad-dumping, li huwa għalhekk ibbażat fuq l-approċċ imsemmi fil-premessa preċedenti.

(40) Il-kwerelant qal li r-raggruppament tal-prodott ikkonċernat fi gradi tal-azzar ma waqqafx lill-Kummissjoni milli twettaq test korrett tal-profitabbiltà sabiex tiddetermina l-valuri normali għal kull PCN.

(41) Il-Kummissjoni twettaq l-analiżi tagħha f'livell li huwa konsistenti mas-sistemi ta' kontabilità interna tal-esportaturi u tal-produtturi tal-Unjoni, li jippermettu s-sostanzjament taċ-ċifri rrapportati. Għaldaqstant, il-pretensjoni hija miċħuda.

(42) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessi minn (37) u (38) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

2. **Il-valur normali**

(43) Għal produttur esportatur wieħed li għalih huwa applikat l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, id-determinazzjoni tal-valur normali ġiet riveduta wara r-rivalutazzjoni tal-ispiża tal-produzzjoni tiegħu. Fl-istadju definittiv, l-ispiża tal-produzzjoni kienet iddeterminata abbażi tal-ispejjeż tal-manifattura rrapportati li magħhom ġew miżjuda l-ispejjeż tal-bejgħ u dawk ġenerali u amministrattivi, inklużi l-ispejjeż tal-finanzjament, bl-użu ta' metodu ta' allokazzjoni permess mill-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku.

(44) Għat-tliet produtturi esportaturi li ġew inklużi l-aħħar fil-kampjun, u għall-produttur esportatur li ngħata eżami individwali, il-volumi tal-bejgħ domestiku nstab li kienu b'mod ġenerali rappreżentattivi, u kienu jirrappreżentaw mill-inqas 5 % tal-volum ta' bejgħ ta' esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni. L-istess test tar-rappreżentattività sar ukoll għal kull tip ta' prodott mibjugħ mill-produtturi miżjuda l-aħħar fil-kampjun fis-swieq domestiċi tagħhom u nstab li kienu komparabbli mat-tipi tal-prodotti mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku.

(45) Billi ġie stabbilit il-proporzjon ta' bejgħ bi profitt lill-klijenti indipendenti fis-suq domestiku matul il-PI, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk il-bejgħ domestiku ta' kull produttur esportatur miżjud l-aħħar fil-kampjun u għall-produttur esportatur li ngħata eżami individwali, setax jitqies bħala li sar fl-andament normali tal-kummerċ, skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.

(46) Fil-każ ta' wieħed mill-produtturi esportaturi inklużi l-aħħar fil-kampjun, l-allokazzjoni tal-ispejjeż inizjalment ippreżentata mill-kumpanija nstabet li ma kenitx adegwata billi ma kenitx tirrifletti l-ħxuna tal-wajer, li huwa fattur importanti għall-ispejjeż. Bil-qbil tal-kumpanija, il-metodu tal-allokazzjoni tal-ispejjeż ġie aġġustat.

▼B

(47) Fil-każ tat-tieni produttur esportatur inkluż fil-kampjun, żball klerikali fid-determinazzjoni tal-marġni tad-dumping ġie kkoreġut. Minbarra dan, il-produttur talab li l-Kummissjoni tagħmel aġġustamenti addizzjonali fit-test tal-profitabbiltà u l-allowances tal-prezz. Dawn it-talbiet instabu li ma kinux ġustifikati.

(48) Fil-każ tal-produttur esportatur mogħti eżami individwali, żball klerikali fil-kalkulazzjonijiet ġie kkoreġut. L-istess produttur esportatur għamel iżjed affermazzjonijiet dwar id-determinazzjoni mill-Kummissjoni tal-livell ta' bejgħ, l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi u l-ispejjeż tat-trasport domestiku u talab aġġustament għad-differenzi fiżiċi tal-prodott ikkonċernat bejn is-swieq domestiċi u tal-esportazzjoni. Dawn l-affermazzjonijiet ġew irrifjutati, għaliex il-kalkoli kienu bbażati fuq d-dejta tal-kosti mressqa mill-kumpanija li kienu vverifikati waqt iż-żjara ta' verifika u minħabba li d-dikjarazzjoni rigward id-differenzi fiżiċi ma kinitx sostanzjata.

(49) Bħala konsegwenza, il-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-valur normali kif deskritt fil-premessi (39) sa (48) tar-Regolament provviżorju hija kkonfermata u ġiet applikata għat-tliet produtturi esportaturi inklużi l-aħħar fil-kampjun u l-produttur esportatur li ngħata eżami individwali.

3. **Il-prezz tal-esportazzjoni**

(50) Għal produttur esportatur wieħed, wara d-dikjarazzjoni tiegħu, ċerti żbalji klerikali li jirrigwardaw l-użu okkażjonali tar-rata tal-kambju u l-inklużjoni żbaljata ta' ċertu bejgħ intragrupp fil-kalkolu tad-dumping ġew irrettifikati.

(51) Għal produttur esportatur ieħor, bejgħ permezz ta' kumpanija relatata fl-Unjoni ġie inkluż fil-kalkolu tad-dumping.

(52) Produttur esportatur wieħed minn dawk inklużi l-aħħar fil-kampjun sostna li l-benefiċċji li kien irċieva taħt l-iskemi tas-sussidji tad-DEPB u DDS kellhom jiżdiedu mal-prezzijiet tal-esportazzjoni.

(53) Produttur ieħor minn dawk inklużi l-aħħar fil-kampjun irrapporta l-benefiċċji li rċieva bħala parti mill-iskema ta' sussidju tad-DDS bħala allowances negattivi tal-prezz, li żiedu artifiċjalment il-prezzijiet tal-esportazzjoni.

(54) Il-Kummissjoni analizzat l-imġiba tal-prezzijiet taż-żewġ kumpaniji fis-suq tal-Unjoni u waslet għas-sejbiet tagħha, li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku u għalhekk ma jeħtiġux aġġustament ieħor. Il-pretensjoni tal-ewwel kumpanija kienet għalhekk miċħuda u l-allowance irrappurtata tat-tieni kumpanija ġiet injorata.

▼B

(55) Produttur esportatur wieħed li ġie inkluż l-aħħar fil-kampjun sostna li l-prezzijiet tal-esportazzjoni tiegħu għandhom jiġu kkoreġuti ‘l fuq sabiex jinġiebu skont il-prezzijiet domestiċi tiegħu minħabba li l-bejgħ domestiku sar taħt isem tad-ditta stess, b’tali mod li kien jattira prezzijiet ogħla. Il-kumpanija ma setgħetx, madankollu, tissostanzja li l-fatturi li għalihom ressqet il-pretensjoni kienu tabilħaqq jirreferu għal bejgħ bil-marka u, b’konsegwenza, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(56) Fin-nuqqas ta’ kummenti oħra, il-premessi minn (50) sa (52) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

4. **Tqabbil**

(57) Produttur esportatur partikolari afferma li, billi sar twaħħid tal-PCNs kollha għad-determinazzjoni tal-ispejjeż ta’ produzzjoni tiegħu, il-prezzijiet tal-esportazzjoni għandhom ikunu trattati bl-istess mod u kellu jintuża prezz wieħed tal-esportazzjoni għat-tqabbil mal-valur normali.

(58) Il-Kummissjoni fl-investigazzjoni tagħha kellha l-għan li tikseb id-dejta dwar l-ispejjeż u l-prezzijiet tal-esportazzjoni fuq bażi tal-PCN, iżda, ma kisbitx mingħand il-kumpanija kkonċernata r-rikonċiljazzjonijiet meħtieġa li kienu jippermettu l-identifikazzjoni ta’ spejjeż tal-produzzjoni affidabbli fuq bażi tal-PCN. L-investigazzjoni ma sabet, madankollu, l-ebda defiċjenza bil-livelli tal-prezz tal-esportazzjoni rrapportati mill-PCN, u għalhekk ma kenitx xierqa l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku għad-determinazzjoni tal-prezzijiet reali tal-esportazzjoni. Billi l-Kummissjoni ma qisitx li t-tnaqqis tal-livell ta’ dettall ta’ prezzijiet irrappurtati jkun xieraq meta mqabbel mal-istandards tal-investigazzjoni sabiex isir paragun ġust, il-pretensjoni kienet miċħuda.

(59) Fin-nuqqas ta’ kummenti oħra, il-premessi minn (53) sa (55) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

5. **Il-marġnijiet tad-dumping**

(60) Kif stipulat mill-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku, għal kull kumpanija fil-kampjun, il-valur normali medju peżat stabbilit għall-prodott simili tqabbel mal-medja peżata tal-prezz tal-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat.

(61) Skont l-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku, minħabba l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku għal żewġ produtturi esportaturi mit-tlieta fil-kampjun inizjali, il-marġni ta’ dumping tal-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun hija stabbilita fuq il-bażi tal-marġni ta’ dumping medja tal-produttur esportatur uniku fil-kampjun oriġinali li għalih l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku ma għadux japplika u ż-żewġ kumpaniji li ddaħħlu l-aħħar fil-kampjun b’marġnijiet tad-dumping li mhumiex de minimis. Fuq din il-bażi, il-marġni ta’ dumping ikkalkulata għall-kumpaniji li kkooperaw li ma kinux inklużi fil-kampjun ġiet stabbilita fil-livell ta’ 8,4 %.

▼B

(62) Fir-rigward tal-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fil-pajjiż ikkonċernat, il-Kummissjoni l-ewwel stabbiliet il-livell ta' kooperazzjoni. Għal dan l-għan, sar tqabbil bejn il-kwantitajiet ta' esportazzjoni totali indikati fir-risposti ta' teħid ta' kampjuni u l-importazzjonijiet totali mill-pajjiż ikkonċernat kif jirriżultaw mill-istatistiċi ta' importazzjoni tal-Eurostat. Minħabba li l-livell ta' koperazzjoni kien għoli, il-marġni ta' dumping residwa ġiet stabbilita fil-livell tal-għola marġni ta' dumping stabbilita għall-produtturi esportaturi fil-kampjun. Fuq din il-bażi, il-livell nazzjonali ta' dumping kien stabbilit għal 16,2 %.

(63) Fuq din il-bażi, il-marġnijiet ta' dumping medji peżati, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni ta' dumping definittiva
GARG Inox	11,8 %
KEI Industries	7,7 %
Macro Bars and Wires	0,0 %
Nevatia Steel & Alloys	4,1 %
Raajratna Metal Industries	16,2 %
Venus Group	11,6 %
Viraj Profiles	6,8 %
Kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun	8,4 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	16,2 %

D. INDUSTRIJA TAL-UNJONI

1. Industrija tal-Unjoni

(64) Xi utenti esprimew dubji dwar l-għadd ta' produtturi tal-Unjoni fil-premessa (63) tar-Regolament provviżorju. Huma sostnew li l-għadd ta' produtturi kien ivvalutat ħażin u li fir-realtà kien hemm anqas produtturi preżenti fis-suq tal-Unjoni.

(65) Il-Kummissjoni tirrimarka li din il-pretensjoni ma kienet issostanzjata mill-ebda evidenza. Il-Kummissjoni vverifikat l-għadd ta' produtturi tal-Unjoni ddikjarat fl-ilment fil-verifika tas-sitwazzjoni u wkoll matul l-investigazzjoni. Il-Kummissjoni kkuntattajat is-27 produtturi magħrufa kollha tal-Unjoni f'dan ir-rigward. L-investigazzjoni kkonfermat li 27 produttur tal-Unjoni kienu qed jimmanifatturaw il-prodott simili fl-Unjoni matul il-PI. Il-pretensjoni hija għalhekk irrifjutata u l-premessa (63) tar-Regolament provviżorju hija kkonfermata.

2. Produzzjoni tal-Unjoni u teħid ta' Kampjuni tal-produtturi tal-Unjoni

(66) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-premessi minn (64) sa (67) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

▼B

E. **ĦSARA**

1. **Konsum tal-Unjoni**

(67) Xi utenti stqarrew li l-analiżijiet tal-ħsara kellhom jinjoraw id-dejta relatata mal-2009 minħabba li l-kriżi finanzjarja li seħħet dik is-sena kellha effetti ta' distorsjoni b'mod partikulari fuq il-konsum tal-Unjoni. Madankollu, anki kieku l-2009 kellha tiġi eskluża mill-analiżi, xorta jkun għad hemm xejra li qed tikber għall-konsum (+ 5 %) li hija indikazzjoni ta' suq li qed jitjieb. Barra minn hekk, l-effetti negattivi tal-kriżijiet finanzjarji huma rikonoxxuti fil-premessa (68) tar-Regolament provviżorju. Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessa (68) tar-Regolament provviżorju hija kkonfermata.

2. **Importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat**

(68) Il-marġni tas-sussidju stabbilit għall-produttur esportatur, Macro Bars and Wires hija taħt il-limitu de minimis previst fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, dan il-produttur esportatur jitqies li ma wettaqx dumping fit-tifsira tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament bażiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni. B'riżultat ta' dan, il-volumi ta' importazzjonijiet tiegħu ġew eskluži mill-volum tal-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiż ikkonċernat kif stabbiliti provviżorjament. Produttur esportatur ieħor, jiġifieri Venus Group, sostna li ċerti tranżazzjonijiet bi żball kienu ġew magħduda darbtejn. Il-Kummissjoni qablet mal-produttur esportatur, u aġġustat il-volum totali tal-importazzjonijiet iddampjati billi eliminat dawn it-tranżazzjonijiet.

(69) Għaldaqstant, il-volum, is-sehem tas-suq u l-prezz medju tal-importazzjonijiet iddampjati ġew riveduti.

(70) Volum u sehem tas-suq tal-importazzjonijiet iddampjati

	2009	2010	2011	PI
Volum	15 826	27 291	34 494	33 252
Indiċi (2009 = 100)	*100*	*172*	*218*	*210*
Sehem tas-suq	12,0 %	14,6 %	17,6 %	16,9 %
Indiċi (2009 = 100)	*100*	*121*	*146*	*140*

Sors: Eurostat u tweġibiet tal-kwestjonarji

(71) Macro Bars and Wires esportat kwantitajiet limitati tal-prodott ikkonċernat matul il-PI u t-tranżazzjonijiet ta' Venus Group imsemmija hawn fuq ukoll kienu jikkostitwixxu kwantitajiet limitati. Għalhekk it-tnaqqis ta' dawn il-volumi tal-importazzjoni mill-volum totali tal-importazzjonijiet iddampjati mill-pajjiż ikkonċernat ma jirriżultax f'tibdil sinifikanti fir-rigward tax-xejriet kif deskritti fil-premessi (69) sa (71) tar-Regolament provviżorju. Għaldaqstant dawn il-premessi tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

▼B

(72) Prezz medju tal-importazzjonijiet sussidjati:

	2009	2010	2011	PI
Prezz medju	2 380	2 811	3 259	3 207
Indiċi (2009 = 100)	*100*	*118*	*137*	*135*

Sors: Eurostat u tweġibiet tal-kwestjonarji

(73) L-aġġustament tal-volum ta' importazzjonijiet iddampjati ma jirriżultax f'bidla sinifikanti tal-prezzijiet medji ta' importazzjonijiet Indjani ddampjati jew il-kalkolu tal-marġni tat-twaqqigħ tal-prezzijiet. Il-marġni medja peżata tat-twaqqigħ tal-prezzijiet hija 15 %, li jikkonferma s-sejba fir-Regolament provviżorju.

(74) Produttur esportatur Indjan sostna li l-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni dehru implawsibbli ħafna u li x'aktarx kienu soġġetti għal distorsjoni. Madankollu, huwa enfasizzat li l-prezzijiet użati fil-kalkoli tat-twaqqigħ kienu r-riżultat ta' informazzjoni miġbura u vverifikata matul investigazzjonijiet fuq il-post fil-bini tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(75) Il-konklużjonijiet mis-sejbiet deskritti fil-premessi (75) sa (77) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

3. **Qagħda Ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

(76) Xi partijiet iddikjaraw li r-riżultati miksuba mill-industrija tal-Unjoni għandhom jitqiesu bħala raġonevolment pożittivi fil-kuntest tal-kriżi ekonomika globali u li bl-eċċezzjoni ta' indikatur tal-ħsara wieħed, jiġifieri s-sehem tas-suq, l-indikaturi l-oħra kollha ma ppuntawx lejn l-eżistenza ta' ħsara.

(77) Parti waħda sostniet li l-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdiedu b'madwar 34 %, li kien ferm aktar mill-ispiża tal-produzzjoni tagħha li żdiedet bi 13 % matul l-istess perjodu. F'dan ir-rigward jeħtieġ li wieħed jinnota li fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat, jiġifieri fl-2009, l-industrija tal-Unjoni kienet qiegħda tbigħ anqas mill-ispiża tal-produzzjoni, u rnexxielha tbigħ 'il fuq mill-ispiża tal-produzzjoni mill-2011 'il quddiem biss.

(78) L-investigazzjoni wriet li għalkemm xi indikaturi tal-ħsara bħalma huma l-volumi tal-produzzjoni u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità segwew xejra pożittiva, jew baqgħu stabbli bħall-impjiegi, għadd ta' indikaturi oħra marbuta mas-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni, jiġifieri l-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investiment u r-redditu fuq l-investiment ma segwewx xejra sodisfaċenti matul il-perjodu kkunsidrat. Filwaqt li l-indikatur marbut mal-investimenti tjieb fl-2010, dan waqa' taħt iċ-ċifri tal-2009 fl-2011 u l-PI. Għalkemm huwa veru li r-redditu fuq l-investimenti tjieb mill-2009 sal-2011 u laħaq is– 6,7 %, dan reġa' naqas għal 0,8 % matul il-PI. Bl-istess mod, l-indikaturi marbuta mal-profittabilità u l-fluss tal-flus tjiebu sal-2011 u reġgħu bdew

▼B

jiddeterjoraw matul il-PI. Għaldaqstant, ta' min jikkonkludi li l-industrija tal-Unjoni bdiet titjieb wara l-2009, iżda sussegwentement l-irkupru tagħha naqas minħabba l-importazzjonijiet iddampjati mill-pajjiż ikkonċernat.

(79) Fuq talba minn parti interessata ġie kkonfermat li l-livelli tal-ħażniet stabbiliti fil-premessa (100) tar-Regolament provviżorju kienu jikkonċernaw l-attività tal-kumpaniji tal-Unjoni magħżula fil-kampjun.

(80) L-industrija tal-Unjoni sostniet li l-marġni ta' profitt immirata ta' 5 % stabbilita fl-istadju provviżorju kienet baxxa wisq. Il-parti ma ssostanzjatx biżżejjed il-pretensjoni tagħha. Il-premessa (95) tar-Regolament provviżorju tispjega r-raġunijiet wara l-għażla ta' din il-marġni ta' profitt u l-investigazzjoni ma żvelat l-ebda raġunijiet oħra biex tibdilha. Għaldaqstant, il-profitt immirat ta' 5 % jinżamm għall-għan tas-sejbiet definittivi.

(81) Produttur esportatur partikolari sostna li d-diffikultajiet tal-industrija tal-Unjoni huma prinċipalment minħabba problemi strutturali u li, għalhekk, il-marġni ta' profitt immirata ta' 5 % ma kenitx realistika.

(82) Ta' min ifakkar li skont il-ġurisprudenza ([1]), jeħtieġ li l-Istituzzjonijiet jistabbilixxu l-marġni ta' profitt li l-industrija tal-Komunità tista' sserraħ fuqha b'mod raġonevoli f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, fin-nuqqas tal-importazzjonijiet iddampjati. Fl-2007, il-marġni ta' profitt kienet ta' 3,7 %; mill-2008, minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika, din saret negattiva. Fl-ilment tressaq l-argument, u l-investigazzjoni stabbilixxiet, li l-importazzjonijiet iddampjati bdew jaslu fis-suq tal-Unjoni mill-2007, meta l-volum ta' importazzjonijiet żdied minn 17 727 tunnellata fl-2006 għal 24 811 tunnellata. Għalhekk, ma kienx possibbli li tiġi stabbilita l-marġni ta' profitt immirata bbażata fuq il-profitt li l-produtturi tal-Unjoni tal-prodott simili setgħu b'mod raġonevoli jserrħu fuqha. Minħabba f'hekk, kif spjegat fil-premessa (95) tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni dehrilha xieraq li tuża l-marġni ta' profitt ta' 5 % fuq il-bażi tal-qligħ osservat reali f'partijiet oħra tal-industrija tal-azzar, li ma sofrewx minn importazzjonijiet iddampjati u sussidjati, kif diġà sar f'investigazzjonijiet riċenti fi prodotti simili oħra fl-istess settur ([2]). Addizzjonalment, għandu jiġi nnutat li l-marġni ta' profitt ta' 3,7 % li kienet osservata fl-2007 hija kkunsidrata fi kwalunkwe każ baxxa wisq minħabba l-preżenza u ż-żieda tal-importazzjonijiet iddampjati. Għaldaqstant, il-profitt immirat ta' 5 % jinżamm għall-għan tas-sejbiet definittivi.

([1]) Il-Kawża T-210/95, 1999 Ġabra II-3291, fil-paragrafu 60.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 383/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jimponi dazju definittiv ta' antidumping u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers u swiegli tal-azzar mingħajr liga tal-prestressing u l-poststressing (wajers u swiegli PSC) li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 118, 13.5.2009. p. 1); Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1071/2012 tal-14 ta' Novembru 2012 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq importazzjonijiet ta' fittings fonduti ta' tubi jew pajpijiet bil-kamin, ta' ħadid fondut malleabbli, li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajlandja (ĠU L 318, 15.11.2012 p. 10); Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 845/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar miksija b'materjal organiku li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 252, 19.9.2012 p. 33).

▼B

4. **Konklużjoni dwar il-ħsara**

(83) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-industrija tal-Unjoni sofriet minn ħsara materjali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku. Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessi minn (78) sa (105) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

F. **KAWŻALITÀ**

1. **Effett tal-importazzjonijiet iddampjati**

(84) Produttur esportatur wieħed sostna li r-Regolament provviżorju injora li l-industrija tal-Unjoni setgħet tibbenefika miż-żieda fil-konsum mill-2009 u li l-Kummissjoni ma tistax tassumi li l-industrija tal-Unjoni se tkun kapaċi żżomm is-sehem tas-suq tagħha b'mod indefinit.

(85) B'reazzjoni għal dawn l-argumenti jenħtieġ li wieħed jinnota li l-investigazzjoni wriet li s-sehem tas-suq tal-importazzjoni ddampjata Indjana kiber b'rata aktar mgħaġġla mill-konsum fis-suq tal-Unjoni. Il-volum tal-importazzjonijiet iddampjati Indjani żdied b'110 % filwaqt li l-konsum żdied b'50 % matul l-istess perjodu. Barra minn hekk, l-investigazzjoni wriet ukoll li l-prezz medju Indjan kien kostantement taħt il-prezz medju tal-industrija tal-Unjoni matul l-istess perjodu u waqqa' l-prezz medju tal-industrija tal-Unjoni bi 15 % matul il-PI. B'riżultat ta' dan, filwaqt li l-industrija tal-Unjoni tabilħaqq ibbenefikat miż-żieda fil-konsum sa ċertu punt u hija wkoll setgħet iżżid il-volumi ta' bejgħ tagħha b'40 %, hija ma setgħetx iżżomm is-sehem tas-suq tagħha kif mistenni bil-kundizzjonijiet tas-suq li qed jitjiebu u minħabba l-kapaċità libera tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

2. **Effett ta' fatturi oħrajn**

2.1. *Importazzjonijiet mhux iddampjati*

(86) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-iżvilupp tal-importazzjonijiet u l-prezzijiet mhux iddampjati huwa komparabbli mal-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet u l-prezzijiet iddampjati. Barra minn hekk, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet iddampjati kienu fundamentalment fl-istess livell bħall-prezzijiet tal-importazzjonijiet li mhumiex iddampjati, jiġifieri l-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet li mhumiex iddampjati kienu inqas b' 0,4 %. Barra minn hekk, il-volum tal-importazzjonijiet mhux iddampjati huwa inqas minn sitta fil-mija tal-importazzjonijiet totali mill-pajjiż ikkonċernat u ftit iktar minn wieħed fil-mija tas-sehem tas-suq. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li l-ħsara kkawżata minn importazzjonijiet mhux iddampjati mill-pajjiż ikkonċernat ma tkissirx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet iddampjati mill-pajjiż ikkonċernat u l-ħsara materjali mġarrba mill-industrija tal-Unjoni matul il-PI.

▼B

2.2. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(87) Żewġ produtturi esportaturi Indjani u l-Gvern tal-Indja tennew il-pretensjoni li l-importazzjonijiet tal-azzar inossidabbli li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("iċ-Ċina") kellhom jiġu inklużi fl-investigazzjoni u li l-impatt li l-importazzjonijiet miċ-Ċina kellhom fuq is-suq tal-Unjoni u l-industrija tal-Unjoni kien sotto-valutat.

(88) Kif imsemmi fil-premessa (115) tar-Regolament provviżorju, mill-istadju tat-tnedija, l-ebda evidenza ta' dumping li jikkaġuna ħsara lill-industrija tal-Unjoni ma ġiet ippreżentata li setgħet tiġġustifika l-ftuħ ta' investigazzjoni antidumping fuq importazzjonijiet li joriġinaw miċ-Ċina. Għaldaqstant, il-pretensjoni li ċ-Ċina kellha tiġi inkluża fl-ambitu tal-investigazzjoni ġiet miċħuda bħala waħda bla bażi.

(89) Madankollu, l-importazzjonijiet miċ-Ċina wrew xejra li qed tiżdied matul il-perjodu kkunsidrat u laħqu sehem tas-suq ta' 8,3 % matul il-PI kif iddikjarat fil-premessa (113) tar-Regolament provviżorju. Barra minn hekk, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi kienu aktar baxxi mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u dawk tal-produtturi esportaturi Indjani fis-suq tal-Unjoni. Għaldaqstant, ġie investigat aktar jekk l-importazzjonijiet mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina setgħux ikkontribbwew għall-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Unjoni u kissru r-rabta kawżali bejn dik il-ħsara u l-importazzjonijiet iddampjati Indjani.

(90) L-informazzjoni disponibbli fl-istadju provviżorju ssuġġeriet li t-taħlita ta' prodotti rrappreżentata mill-importazzjonijiet Ċiniżi kienet differenti u li l-firxiet fejn il-prodotti Ċiniżi kienu preżenti kienu differenti meta mqabbla mal-prodotti mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni jew anke ma' dawk tal-prodotti ta' oriġini Indjana mibjugħa fis-suq tal-Unjoni.

(91) Wara l-pubblikazzjoni tal-miżura provviżorja, il-Kummisjoni rċeviet diversi pretensjonijiet li jaċċennaw għall-possibbilità li l-importazzjonijiet Ċiniżi bi prezz baxx matul il-PI jkissru r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Indjani ddampjati u l-ħsara materjali mġarrba mill-industrija tal-Unjoni.

(92) L-analiżi magħmula abbażi tal-istatistiki tal-importazzjonijiet li jikkonċernaw iż-żewġ kodiċijiet NM li qed jiġu investigati wriet li 29 % tal-importazzjonijiet Ċiniżi saru fit-tarf l-aktar baxx tas-suq (skont il-kodiċi NM 7223 00 99). Dan parzjalment jispjega r-raġuni għaliex il-prezzijiet Ċiniżi bħala medja huma aktar baxxi minn dawk tal-industrija tal-Unjoni u tal-produtturi esportaturi Indjani. L-istatistiki għall-kodiċi NM 7223 00 99 wrew ukoll li l-klijenti tal-produtturi Ċiniżi kienu kkonċentrati fir-Renju Unit fejn l-industrija tal-Unjoni bażikament ma kenitx qed tipproduċi.

▼B

Prezz medju (euro/MT)	2009	2010	2011	PI
72 230 019	2 974	3 286	3 436	2 995
72 230 099	765	1 458	1 472	1 320

Sors: Eurostat

(93) Fir-rigward tal-Kodiċi NM 7223 00 19, l-analiżijiet imwettqa abbażi tal-PCN urew li kemm l-industrija tal-Unjoni kif ukoll il-produtturi Indjani kienu qegħdin jikkompetu fl-ogħla tarf tas-suq fejn il-prezzijiet setgħu jitilgħu sa erba' darbiet ogħla mill-prezzijiet fit-tarf l-aktar baxx fl-istess NM ([1]). L-investigazzjoni wriet ukoll li, b'mod ġenerali, il-varjazzjonijiet fil-prezzijiet huma marbuta mat-tip ta' prodott u l-kontenut tan-nikil.

(94) Fir-rigward tal-livell tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, jenħtieġ li jiġi rrimarkat li mill-2009 sal-PI l-prezz medju tal-importazzjonijiet Ċiniżi baqa' ogħla mill-prezz tal-esportazzjonijiet iddampjati tal-prodott ikkonċernat mill-Indja, kif jista' jidher mit-tabella li ġejja li turi l-prezz medju tal-esportazzjonijiet Ċiniżi ddampjati li jaqgħu fil-kodiċi NM 7223 00 19.

Prezz medju (EUR/MT)	2009	2010	2011	PI	PI + 1
72 230 019	2 974	3 286	3 436	2 995	3 093

Sors: Eurostat

(95) Fil-PI għall-ewwel darba l-prezz medju tal-importazzjonijiet Ċiniżi waqa' taħt il-prezz tal-importazzjoni Indjan għall-importazzjonijiet iddampjati. Madankollu, instab li din l-osservazzjoni kienet ta' natura temporanja billi l-livell tal-prezzijiet Ċiniżi fissena ta' wara l-PI żdied u reġa' kien ogħla mill-prezzijiet Indjani.

(96) Barra minn hekk, it-tqabbil bejn il-volumi tal-importazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat u miċ-Ċina wera li fi kwalunkwe punt matul il-perjodu kkunsidrat u b'mod partikolari matul il-PI, l-importazzjonijiet mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina kienu f'livelli ħafna aktar baxxi mill-importazzjonijiet mill-Indja. Il-volumi tal-importazzjoni għaċ-Ċina kienu jammontaw għal bażikament inqas minn nofs it-total tal-importazzjonijiet mill-Indja.

(97) Għaldaqstant, ukoll jekk l-importazzjonijiet mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina kkontribwew għall-ħsara li sofriet l-industrija tal-Unjoni, ma setgħux affettwaw il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni sal-punt li jkissru r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet iddampjati mill- pajjiż ikkonċernat u l-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-premessa (113) tar-Regolament provviżorju hija kkonfermata.

([1]) Madankollu, ta' min jinnota li kemm l-industrija tal-Unjoni kif ukoll il-produtturi esportaturi Indjani huma preżenti wkoll fit-tarf l-aktar baxx tas-suq, anki jekk sa grad inqas.

▼B

2.3. *Kompetizzjoni minn produtturi oħrajn fl-Unjoni*

(98) Parti waħda ressqet l-argument li l-prestazzjoni finanzjarja fqira tal-produtturi tal-Unjoni setgħet kienet ikkawżata minn kompetizzjoni minn produtturi oħrajn tal-Unjoni li ma kinux ilmentaturi jew li ma esprimewx l-appoġġ tagħhom għall-investigazzjoni fil-bidu tal-każ.

(99) Is-sehem tas-suq ta' produtturi oħrajn fl-Unjoni żviluppa kif ġej:

	2009	2010	2011	PI
Bejgħ tal-Unjoni ta' produtturi oħrajn fl-Unjoni (MT)	34 926	55 740	55 124	55 124
Indiċi (2009 = 100)	*100*	*160*	*158*	*158*
Sehem tas-suq ta' produtturi oħrajn fl-Unjoni	26,6 %	29,8 %	28,1 %	27,9 %

Sors: ilment u tweġibiet permanenti

(100) Il-produtturi tal-Unjoni li ma kinux ilmentaturi u li ma esprimewx speċifikament appoġġ għall-investigazzjoni ammontaw għal 44 % tal-bejgħ totali tal-Unjoni irrappurtat fil-Premessa (86) tar-Regolament provviżorju. Il-volum tal-bejgħ tagħhom żdied bi 58 % minn stima ta' 34 926 tunnellata fl-2009 għal 55 124 tunnellata matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, dan it-tkabbir huwa relattivament żgħir jekk imqabbel mat-tkabbir tal-importazzjonijiet iddampjati mill-pajjiż ikkonċernat fl-istess perjodu (+ 110 %). Barra minn hekk, is-sehem tas-suq ta' dawk il-produtturi tal-Unjoni baqa' relattivament stabbli matul il-perjodu kkunsidrat u ma nstabet l-ebda indikazzjoni li l-prezzijiet tagħhom kienu aktar baxxi minn dawk tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Għaldaqstant, ġie konkluż li l-bejgħ tagħhom fis-suq tal-Unjoni ma kkontribwixxiex għall-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Unjoni.

3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(101) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-premessi minn (121) sa (124) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

G. **INTERESS TAL-UNJONI**

1. **Kunsiderazzjonijiet ġenerali**

(102) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-premessa (125) tar-Regolament provviżorju hija kkonfermata.

2. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(103) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-premessi minn (126) sa (133) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

▼B

3. **Interess ta' importaturi mhux relatati**

(104) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-premessi minn (142) sa (144) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

4. **Interess tal-utenti**

(105) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji, seba' utenti u assoċjazzjoni waħda tal-utenti kkuntattjaw lill-Kummissjoni u wrew interess li jikkooperaw fl-investigazzjoni. Wara t-talba tagħhom, intbagħtulhom kwestjonarji f'April 2013. Madankollu, żewġ utenti biss ippreżentaw tweġiba sħiħa għall-kwestjonarju u, b'mod ġenerali, l-utenti li kkooperaw irrappreżentaw 12 % tal-importazzjonijiet totali mill-pajjiż ikkonċernat matul il-PI u 2,5 % tal-konsum totali tal-Unjoni, filwaqt li kienu jimpjegaw 32 persuna involuti fil-manifattura tal-prodotti lesti li jinkorporaw il-prodott ikkonċernat. L-impatt ekonomiku tal-miżuri fuq l-utenti ġie vvalutat mill-ġdid abbażi tad-dejta l-ġdida disponibbli fit-tweġibiet għall-kwestjonarju u żewġ utenti saritilhom żjara sabiex tiġi vverifikata l-informazzjoni pprovduta.

(106) L-utenti sostnew li l-livell ta' profittabilità ta' 9 %, li kien iddikjarat fil-premessa (136) tar-Regolament provviżorju, kien għoli wisq u ma kienx rappreżentattiv tal-industrija tal-utenti. Wara li waslu t-tweġibiet addizzjonali għall-kwestjonarju, il-profittabilità medja tal-utenti kollha li kkooperaw ġiet ikkalkulata mill-ġdid u ġiet stabbilita għal 2 % fuq il-fatturat.

(107) Instab ukoll li, bħala medja, fir-rigward tal-utenti li kkooperaw, ix-xiri mill-pajjiż ikkonċernat kien jikkostitwixxi 44 % tax-xiri totali tal-prodott ikkonċernat, u li l-Indja rrappreżentat is-sors esklussiv ta' provvista għaż-żewġ utenti li kkooperaw. Matul il-PI, il-fatturat tal-prodott li inkorpora l-prodott ikkonċernat irrappreżenta medja ta' 14 % tal-fatturat totali tal-utenti li kkooperaw.

(108) Jekk wieħed jassumi l-agħar sitwazzjoni possibbli għas-suq tal-Unjoni, jiġifieri li l-ebda żieda potenzjali fil-prezz ma tkun tista' tiġi mgħoddija għall-katina tad-distribuzzjoni u li l-utenti jkomplu jixtru mill-pajjiż ikkonċernat bil-volumi preċedenti, l-impatt tad-dazju fuq il-profitabbiltà tal-utenti miksuba minn attivitajiet li jużaw jew li jinkorporaw il-prodott ikkonċernat ikun ifisser tnaqqis sal-punt li l-utenti jibdew jagħmlu t-telf, u jilħqu profitabbiltà (negattiva) ta' – 0,6 %.

(109) Il-Kummissjoni tagħraf li l-impatt fuq terminu qasir u medju se jkun aktar importanti, fuq livell individwali, għal dawk l-utenti li jġibu l-importazzjonijiet kollha tagħhom mill-Indja. Madankollu, dawn huma relattivament ftit (tnejn mill-utenti li kkooperaw). Barra minn hekk, huma għandhom il-possibilità, sakemm il-produttur Indjan tagħhom jikkoopera, li jitolbu l-ħlas lura tad-dazji skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Bażiku, jekk il-kundizzjonijiet kollha għal tali restituzzjoni jkunu sodisfatti.

▼B

(110) Xi utenti tennew it-tħassib li l-miżuri jolqtu ċerti tipi ta' wajers li mhumiex prodotti fl-Ewropa, jiġifieri tipi inklużi fl-hekk imsejħa serje 200 kif deskritt fil-premessa (139) tar-Regolament provviżorju. Skont l-utenti, in-nuqqas ta' produzzjoni fl-Unjoni huwa minħabba d-domanda limitata u l-ispeċifiċità tal-proċess ta' produzzjoni.

(111) Madankollu, l-investigazzjoni wriet li tali tip ta' wajers tal-azzar inossidabbli huma prodotti mill-industrija tal-Unjoni u li jirrappreżentaw sehem limitat tas-suq tal-Unjoni. Għall-utenti, hemm ukoll sorsi ta' provvista alternattivi disponibbli minn pajjiżi li mhumiex suġġetti għal miżuri ta antidumping jew antisussidji. Barra minn hekk, tipi oħra ta' prodotti ta' wajers tal-azzar inossidabbli jistgħu jintużaw għall-istess għanijiet. Għaldaqstant, l-impożizzjoni tal-miżuri ma jistax ikollha impatt sinifikanti fuq is-suq tal-Unjoni u fuq dawn l-utenti. Għaldaqstant, din il-pretensjoni hija miċħuda.

(112) Xi utenti ġibdu l-attenzjoni dwar iż-żmien itwal ta' kunsinna għall-prodott simili mill-produtturi tal-Unjoni meta mqabbel maż-żmien tal-kunsinna tal-prodott ikkonċernat mill-Indja. Madankollu, il-possibilità li l-merkanti u n-negozjanti jaħżnu l-prodotti u jagħmluhom disponibbli minnufih ma timminax il-provi fattwali tal-effetti negattivi tal-importazzjonijiet iddampjati. Għaldaqstant, dan l-argument ikollu jiġi miċħud.

(113) Meta jitqies dan ta' hawn fuq, anki jekk xi utenti x'aktarx se jiġu affettwati b'mod negattiv bil-miżuri fuq l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat aktar minn oħrajn, jitqies li fil-bilanċ is-suq tal-Unjoni se jibbenefika mill-impożizzjoni tal-miżuri. B'mod partikolari, huwa meqjus li r-restawr tal-kundizzjonijiet tal-kummerċ ġust fis-suq tal-Unjoni jippermetti lill-industrija tal-Unjoni li tallinja l-prezzijiet tagħha mal-ispiża tal-produzzjoni; li żżomm il-produzzjoni u l-impjiegi; li tirkupra s-sehem tas-suq li kienet tilfet qabel u li tibbenefika minn żieda fl-ekonomiji tal-kobor. Dan għandu jippermetti lill-industrija li tilħaq marġnijiet ta' profitti raġonevoli li se jippermettulha li topera b'mod effiċjenti fuq perjodu medju taż-żmien kif ukoll fit-tul. B'mod parallel, l-industrija se ttejjeb il-qagħda finanzjarja globali tagħha. Barra minn hekk, l-investigazzjoni stabbilixxiet li l-miżuri se jkollhom impatt ġenerali limitat fuq l-utenti u fuq l-importaturi mhux relatati. Għaldaqstant, ġie konkluż li jidher li l-benefiċċju globali tal-miżuri jegħleb l-impatt fuq l-utenti tal-prodott ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni.

5. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(114) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-valutazzjonijiet fil-premessi (145) u (146) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

▼B

H. MIŻURI ANTIDUMPING DEFINITTIVI

1. Livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara

(115) Għal produttur esportatur wieħed il-kalkolu tal-eliminazzjoni tal-ħsara kien aġġustat 'l isfel wara l-pretensjoni tiegħu li saru żbalji klerikali billi kien hemm konfużjoni tar-rata tal-kambju fuq ċerti tranżazzjonijiet u l-inklużjoni fil-kalkolu tat-tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp. Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessi minn (148) sa (151) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

(116) L-istess produttur esportatur iddikjara li l-esportazzjonijiet Indjani lejn l-Unjoni huma magħmula lill-bejjiegħa bl-ingrossa u li l-bejgħ mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni huwa magħmul lill-utenti aħħarin u li għalhekk il-Kummissjoni ma kenitx qed tikkumpara fil-livell xieraq ta' kummerċ. Madankollu, l-investigazzjoni wriet li l-produtturi esportaturi Indjani qed ibigħu liż-żewġ kategoriji ta' klijenti u li huma qegħdin jikkompetu mal-produtturi tal-Unjoni għall-istess kategoriji ta' klijenti.

2. Konklużjoni dwar il-livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara

(117) L-ebda marġni ta' ħsara individwali ma ġiet ikkalkulata għal Macro Bars and Wires billi l-marġni tal-antidumping definittiva ta' din il-kumpanija kienet fuq livell de minimis kif imsemmi fil-premessa (51).

(118) Il-metodoloġija użata fir-Regolament provviżorju hija b'dan ikkonfermata.

3. Miżuri definittivi

(119) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, għandu jiġi impost dazju tal-anti-dumping definittiv f'livell għoli biżżejjed biex titneħħa l-ħsara kkawżata mill-importazzjonijiet iddampjati filwaqt li titqies il-marġni tas-sussidju imposta mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 419/2013.

(120) Għalhekk, ir-rati ta' dazju tad-dumping ġew stabbiliti bit-tqabbil bejn il-marġnijiet tal-ħsara mal-marġni tad-dumping, filwaqt li l-marġnijiet ta' sussidju ttieħdu f'konsiderazzjoni billi tnaqqsu għal kollox mill-marġni tad-dumping relevanti. Konsegwentament, ir-rati tad-dazju antidumping definittivi huma kif ġej:

Kumpanija	Il-marġni tad-dumping	Dazju kompensatorju	marġni tal-ħsara	Rata ta' dazji anti-dumping definittivi
GARG Inox	11,8 %	3,4 %	22,6 %	8,4 %
KEI Industries	7,0 %	0,0 %	41,9 %	7,7 %
Macro Bars and Wires	0,0 %	3,4 %	30,3 %	0,0 %
Nevatia Steel & Alloys	4,1 %	3,4 %	23,8 %	0,7 %
Raajratna Metal Industries	16,2 %	3,7 %	17,2 %	12,5 %
Venus group	11,6 %	3,0 %	23,4 %	8,6 %
Viraj Profiles Vpl. Ltd	6,8 %	0,0 %	32,1 %	6,8 %
Kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun	8,4 %	3,4 %	23,7 %	5,0 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	16,2 %	3,7 %	41,9 %	12,5 %

▼B

(121) Ir-rati tad-dazju antidumping ta' kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet tal-investigazzoni preżenti. Għaldaqstant, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni misjuba matul dik l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati ta' dazju (għall-kuntrarju tad-dazju applikabbli madwar il-pajjiż għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha") huma applikabbli b'mod esklussiv għall-importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw mill-Indja u huma prodotti mill-entitajiet ġuridiċi speċifiċi msemmija. Il-prodotti importati li huma prodotti minn xi kumpanija oħra li mhijiex imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-regolament, inklużi l-entitajiet marbuta ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(122) Produttur esportatur fil-pajjiż ikkonċernat offra impenn ta' prezz f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament bażiku.

(123) F'dawn l-aħħar snin, dehret volatilità konsiderevoli fejn jidħlu l-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat u għaldaqstant dan mhux adattat għal impenn ta' prezz fiss.. Sabiex tingħeleb din il-problema, il-produttur esportatur Indjan offra klawżola ta' indiċjar ibbażata fuq l-ispejjeż tal-materja prima. F'dan ir-rigward huwa nnotat li l-ebda konnessjoni preċiża u diretta bejn iċ-ċaqliq tal-prezzijiet u dak tal-indiċi ma tista' tiġi stabbilita, u għalhekk l-indiċjar ma jitqiesx xieraq. Barra minn hekk, l-investigazzjoni stabbiliet li hemm tipi differenti tal-prodott ikkonċernat li ma jintgħarfux faċilment u li għandhom differenzi konsiderevoli fil-prezzijiet.

(124) Barra minn hekk, il-produttur esportatur jipproduċi firxa ta' prodotti tal-azzar inossidabbli u jista' jbigħ dawn il-prodotti lil klijenti komuni fl-Unjoni permezz ta' kumpaniji kummerċjali relatati. Dan joħloq riskju serju ta' kumpens trasversali u jirrendi estremament diffiċli l-monitoraġġ effettiv tal-impenn.

(125) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-offerta ta' impenn ma tistax tiġi aċċettata.

(126) Kwalunkwe pretensjoni li titlob l-applikazzjoni ta' rata tad-dazju antidumping għal kumpanija individwali (eż. wara bidla fl-isem tal-entità jew wara l-istabbiliment ta' entitajiet ġodda għall-produzzjoni jew għall-bejgħ) għandha tkun indirizzata minnufih lill-Kummissjoni [1] bl-informazzjoni kollha rilevanti, b'mod partikolari kwalunkwe modifika fl-attivitajiet tal-kumpanija relatata mal-produzzjoni, il-bejgħ domestiku u tal-esportazzjoni assoċjata, pereżempju, ma' dik il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament li jimponi d-dazji antidumping definittivi jiġi emendat skont dan billi tiġi aġġornata l-lista ta' kumpaniji li jibbenifikaw minn rati tad-dazju individwali.

[1] European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate H, 1049 Bruxelles/Brussel, Belgique/België.

▼B

4. **Il-ġbir definittiv ta' dazji antidumping provviżorji**

(127) Fid-dawl tal-kobor tal-marġnijiet tad-dumping misjuba u fid-dawl tal-livell tal-ħsara kkawżata lill-industrija tal-Unjoni, huwa kkunsidrat neċessarju li l-ammonti garantiti permezz tad-dazju provviżorju tal-antidumping, imposti bir-Regolament provviżorju, jinġabru b'mod definittiv sakemm jintlaħaq l-ammont tad-dazji definittivi imposti,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju antidumping definittiv huwa b'dan impost fuq importazzjonijiet ta' wajers tal-azzar inossidabbli li fihom, bil-piż:

— 2,5 % jew aktar ta' nikil, ħlief wajers li fihom piż ta' 28 % jew aktar iżda mhux aktar minn 31 % ta' nikil u 20 % jew aktar iżda mhux aktar minn 22 % ta' kromju,

— inqas minn 2,5 % ta' nikil, ħlief wajers li fihom piż ta' 13 % jew aktar iżda mhux aktar minn 25 % ta' kromju u 3,5 % jew aktar iżda mhux aktar minn 6 % ta' aluminju,

li bħalissa jaqa' fil-kodiċi NM 7223 00 19 u 7223 00 99 u li joriġina mill-Indja.

2. Ir-rata ta' dazju antidumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles mal-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji mniżżla hawn taħt, se tkun kif ġej:

Kumpanija	Dazju (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
Garg Inox, Bahadurgarh, Haryana and Pune, Maharashtra	8,4	B931
KEI Industries Ltd, New Delhi	7,7	B925
Macro Bars and Wires, Mumbai, Maharashtra	0,0	B932
Nevatia Steel & Alloys, Mumbai, Maharashtra	0,7	B933
Raajratna Metal Industries, Ahmedabad, Gujarat	12,5	B775
Venus Wire Industries Pvt. Ltd, Mumbai, Maharashtra	8,6	B776
Precision Metals, Mumbai, Maharashtra	8,6	B777
Hindustan Inox Ltd., Mumbai, Maharashtra	8,6	B778
Sieves Manufacturer India Pvt. Ltd., Mumbai, Maharashtra	8,6	B779
Viraj Profiles Ltd., Thane, Maharashtra and Mumbai, Maharashtra	6,8	B780
Il-kumpaniji elenkati fl-Anness	5,0	►M2 ara l-Anness ◄
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	12,5	B999

▼B

3. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ rigward id-dazju doganali.

Artikolu 2

Fejn produttur esportatur mill-Indja jipprovdi provi suffiċjenti lill-Kummissjoni li

(a) ma esportax l-oġġetti deskritti fl-Artikolu 1(1) li joriġinaw mill-Indja matul il-perjodu ta' investigazzjoni (l-1 ta' April 2011 sal-31 ta' Marzu 2012)

(b) mhuwiex relatat ma' esportatur jew produttur suġġett għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament; u

(c) jew effettivament esporta l-oġġetti kkonċernati jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli li jesporta kwantità sinifikanti lill-Unjoni wara t-tmiem tal-perjodu tal-investigazzjoni,

L-Artikolu 1(2) jista' jiġi emendat biż-żieda tal-produttur esportatur il-ġdid mal-lista fl-Anness.

Artikolu 3

L-ammonti garantiti permezz ta' dazji antidumping provviżorji skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 418/2013 fuq l-importazzjonijiet ta' wajers tal-azzar inossidabbli li fihom piż ta':

— 2,5 % jew aktar ta' nikil, ħlief wajers li fihom piż ta' 28 % jew aktar iżda mhux aktar minn 31 % ta' nikil u 20 % jew aktar iżda mhux aktar minn 22 % ta' kromju,

— inqas minn 2,5 % ta' nikil, ħlief wajers li fihom piż ta' 13 % jew aktar iżda mhux aktar minn 25 % ta' kromju u 3,5 % jew aktar iżda mhux aktar minn 6 % ta' aluminju,

li bħalissa jaqa' fil-kodiċi NM 7223 00 19 u 7223 00 99 u li joriġina mill-Indja, għandu jiġi miġbur b'mod definittiv. L-ammonti garantiti ogħla mir-rati definittivi tad-dazju tal-antidumping se jiġu rilaxxati.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼**M2**

ANNESS

Produtturi esportaturi Indjani li kkooperaw li mhux inklużi fil-kampjun:

Isem il-kumpanija	Belt	kodiċi addizzjonali TARIC
Bekaert Mukand Wire Industries	Lonand, Tal. Khandala, Satara District, Maharashtra	B781
Bhansali Bright Bars Pvt. Ltd	Ltd., Mumbai, Maharashtra	B781
Bhansali Stainless Wire	Mumbai, Maharashtra	B781
Chandan Steel	Mumbai, Maharashtra	B781
Drawmet Wires	Bhiwadi, Rajasthan	B781
Jyoti Steel Industries Ltd	Mumbai, Maharashtra	B781
Mukand Ltd.	Thane	B781
Panchmahal Steel Ltd	Dist. Panchmahals, Gujarat	B781
Superon Schweisstechnik India Ltd	Gurgaon, Haryana	B997